MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 124/2004

**Middlesea Insurance p.l.c. (C5553) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha George Mallia sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess George Mallia (I.D. 1033845 (M))**

**Vs**

**Jesmond Micallef (I.D. 433179 (M))**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta’ Lm267.99c (mitejn u sebgha u sittin lira Maltin u disgha u disghin centezmu) rapprezentanti danni f’incident awtomobilistiku ghal liema ncident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba mprudenza, mperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut qal li mhux responsabbli ta’ dan l-incident.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-*Road Accident Report* fejn George Mallia bil-vettura KAA 601 qal:

"Kont gej min-naha ta' Hal Kirkop u kif kont qed indur fuq il-lane tieghi l-vettura AAU 259 qabad u dar lejn id-direzzjoni tal-Gudja u laqat il-vettura tieghi fuq in-naha ta' wara."

Il-konvenut Jesmond Micallef qal:

"Kont gej min-naha ta' Hal Kirkop u kif wasalt fuq l-istop sign waqaft, kif ma kienux gejjin vetturi hrigt ghal mar-roundabout u vettura KAA 601 li kienet warajja qabzitni u kif mort biex indur lejn il-Gudja laqatni fuq in-naha ta' quddiem."

Ra x-xhieda ta' PS 647 Ivan Chetcuti fejn jikkonferma r-*Road Accident Report* u t-*to scale sketch*.

Ra x-xhieda ta' John Lentini li huwa l-*Claims Manager* tas-socjeta' attrici fejn jikkonferma li l-istess socjeta' attrici hallset Lm242.99c (mitejn u tnejn u erbghin lira Maltin u disgha u disghin centezmu) u l-assigurat George Mallia hallas l-*excess* ta' Lm25 (hamsa u ghoxrin lira Maltin).

Ra x-xhieda ta' Jesmond Micallef fejn jghid li hu kien gej min-naha ta' Hal Kirkop sejjer lejn id-direzzjoni tal-Gudja. Jghid li hu kien fuq il-*lane* tan-naha tal-hajt. Hekk kif qala' sabiex jidhol mar-*roundabout*, George Mallia gie minn warajh minn fuq in-naha tal-lemin u sar l-impatt.

Ra li f'xhieda ohra l-konvenut qal li hu beda jhares jekk kienux gejjin karozzi meta waqaf fejn ir-*roundabout* u ghamel xi tmien sekondi wieqaf. Jghid ukoll illi ghamel l-*indicator* u meta ra li mhux gejjin karozzi hareg. Jghid li kien diga' saq meta giet il-vettura ta' Mallia.

Ra x-xhieda ta' George Mallia fejn jikkonferma li qal fir-*Road Accident Report* u l-iskizz.

Illi mix-xhieda u mill-iskizz jirrizulta li l-konvenut kien qieghed ibiddel il-*lanes*. Kien id-dover tal-konvenut li ried isuq fid-direzzjoni tal-Gudja li jara li m'hemmx traffiku fuq il-lemin tieghu. Is-sewwieq li jkun se jdur fuq il-lemin ghandu d-dover *"to ensure that there will be no traffic in the process of overtaking him as he makes his turn"*. Dan gie kkonfermat f'diversi sentenzi – **Clarke Vs Aquilina 6/12/1977**; **Sciberras Vs Zammit 13/7/1978**; **Azzopardi Vs McCarthy 20/9/1978**; **Deguara Vs Mallia 25/1/1983**; **Gendrex Vs Vassallo 15/1/1988** u **T. Duca Vs E. Mifsud 15/6/1988** kollha tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili. It-Tribunal jaghmel referenza wkoll ghall-Artikolu 85 tal-*Highway Code* li jikkonferma d-dover tas-sewwieq li:

"Well before you turn at a junction, take full account of the position and movement of the following traffic. Signal your intention and, when safe to do so, take the appropriate position. Wait until there is a safe gap between you and any approaching vehicles before you complete a right turn…when changing direction you must invariably signal your intention to turn well in advance and make sure that it is safe to do so by looking in your mirror".

Illi f'dan il-kaz il-konvenut naqas li jhares fuq il-lemin tieghu qabel ma dar fuq il-lemin u ghalhekk ghandu jigi ddikjarat responsabbli ghall-incident in kwistjoni.

Ghaldaqstant jichad ir-Risposta tal-konvenut u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi l-ammont ta' Lm267.99c (mitejn u sebgha u sittin lira Maltin u disgha u disghin centezmu) bl-ispejjez kif mitlub. Bl-imghax mit-28 ta' Jannar, 2004.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------